**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-30 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 590/2021 JPG**
**Kawza Numru : 29**

**MF rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Natalino Caruana De Brincat in forza ta' prokura soecjali datata nhar 21 ta' Lulju 2021**

**U**

**MYF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MF rapprezentata mill-mandatarju specjali, l-Avukat Dottor Natalino De Brincat u MYF, datat 1 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija u tnejn u tmenin (1982) u z-zwieg taghhom jinsab registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett (3) itfal, senjatament A, O, T illi llum ikoll huma maggjorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal aktar minn tnax-il sena. Difatti huma legalment separati b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata nhar 24 ta' Gunju 2009 ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, kif ukoll ai termini tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Matthew Agius datat nhar is-17 ta' Novembru 2021 (vide Dok B.)*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn sentejn ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet reciprokament irrinunzjaw ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin u ghalhekk il-partijiet m'ghandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ebda hlas ta' manteniment;*

*Illi l-esponenti MF mhux obbligat jithallas ebda manteniment kemm fil-konfront tal-mara kif ukoll dak relatat ma uliedu, u dan ai termini tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti gia citata (vide Dok A) kif ukoll l-kuntratt datat nhar is-17 ta' Novembru 2021 (vide Dok B).*

*Illi r-rikorent MYF tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe B;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzu skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti jixtiequ li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentament jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tiddikjara li z-zwieg bejn il-paritjiet iccelebrat nhar izzewgu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta Awwissu tas-sena elf disgha mija u tnejn u tmenin (1982) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2) *Tawtorizzaw lil MYF sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe B;*

3) *Tordna lir-Registrat tal-Qrati sabiex entor t-terminu iffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-paritjiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.*

*Bl-ispejjez kollha ikunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-25 ta' April 2022 illi permezz taghha l-attrici irtirat it-tieni talba u l-Qorti ddikjarat ceduta it-tieni talba; (vide fol 24)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MYF xehdet** (vide affidavit a fol 29) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-29 ta' Awwissu 1982 u minn dan iz-zwieg twieldu 3 itfal, ilkoll maggorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment nhar l-24 ta' Gunju 2009 permezz ta' sentenza moghtija mill-Imhallef Noel Cuschieri. Iddikjarat illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.

**MF xehed** (tramita video call, vide a fol 33) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar id-29 ta' Awwissu 1982, liema zwieg igib c-certifikat numru 1686/1982 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 18). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ilkoll maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza datata 24 ta' Gunju 2009 moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri kif ukoll kienu kkontrattaw kuntratt ppubblikat nhar is-17 ta' Novembru 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Matthew Agius (Vide fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Rat illi t-tieni talba ta' MYF giet ceduta nhar il-25 ta' April 2022.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1686/1982 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**